MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru 1374/2012

**ILLUM 2 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)
vs

Susan Bruno
Matthew Silvio

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata Susan Bruno ta' karta ta' identita' numru 51771 (M) u Matthew Silvio ta' karta ta' l-identita numru 280087 (M)

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghaxija (01.45pm) minn gewwa Scotts Supermarket, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi, kkommettew serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Scotts Supermarket u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuza, f'liema ammissjoni baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti taghthom hin jirrikonsidraw;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata;

Rat l-Artikolu 261(d), 268(d), 281 (a) tal-Kap 9;

Tiddeciedi li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena millum, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------